MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2273/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Alberto Decelis**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hdax-il lira Maltija (Lm211.00), in kwantu ghas-somma ta' mitejn lira Maltin import ta' tmien (8) kambjali annessi u mmarkati Dokumenti 1,2,3,4,5,6,7 u 8 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' hdax-il lira Maltija (Lm11.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Philip Magri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hdax-il lira Maltija (Lm211.00) bl-imghax legali fuq is-somma ta' mitejn lira (Lm200) mid-19 ta' Settembru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------